**3 ta' Lulju, 1991**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

## Żwieġ - Impotenza - Il-Kunsens ta' Waħda mill-Partijiet Inkiseb b'Qerq dwar Kwalità tal-Parti l-Oħra liema Kwalità Fixxklet Serjament il-Ħajja Miżżewġa

*L-attur ibbaża d-domanda tiegħu biex iż-żwieġ mal-konvenuta jiġi dikjarat null fuq żewġ kawżalijiet: waħda l-impotenza ta' l-istess attur, u l-oħra li l-kunsens inkiseb b'qerq dwar kwalità tal-parti l-oħra li fixxklet iż-żwieġ. Irriżulta li l-attur kellu "sperm count" baxx b'mod li għalkemm il-partijiet kien ikollhom x'jaqsmu intimament sesswalment għal żmien twil il-konvenuta ma setetx toħroġ inċinta. L-attur kien ibagħti minn sterilità però mhux minn impotenza u għaldaqstant iż-żwieġ ma jistax jiġi meqjus bħala invalidu taħt l-art. 19 (1) (e) tal-Att XXXVII. (tal-1975).*

*Irid jiġi kunsidrat jekk jistax jingħad li l-kunsens tal-konvenuta ingħata kif provvdut fis-subinċis 1 (ċ) tal-istess Att. Il-Qorti taqbel illi fil-każ in eżami l-frodi jmiss aktar lill-konvenuta illi ma kellhiex intenzjoni vera u proprja kif trid il-liġi għaż-żwieġ u ċjoè l-intenzjoni primarja tagħha għaż-żwieġ kien illi jkollha t-tfal. Għaldaqstant iż-żwieġ kontendenti huwa null u bla effett a tenur tal-art. 19 (1) (ċ) ta' l-Att taż-Żwieġ.*

Il-Qorti:- Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti żżewġu fit-2 ta' Mejju 1976 skond ċertifikat taż-żwieġ hawn mehmuż;

U premess illi ż-żwieġ tagħhom huwa null stante l-impotenza kienet tippre-eżisti qabel iż-żwieġ;

U premess illi ż-żwieġ huwa null ukoll minħabba li l-kunsens ta' waħda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar kwalità tal-parti l-oħra liema kwalità fixxklet serjament il-ħajja miżżewġa;

Talab għar-raġunijiet premessi li dina l-Qorti:

a) tiddikjara u tiddeċidi li ż-żwieġ li sar bejn il-kontendenti fit-2 ta' Mejju, 1976 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu 19 (1) (e) u (ċ) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iż-żwieġ għar-raġunijiet fuq imsemmija;

b) konsegwetement li dina n-nullità tiġi reġistrata fuq l-att taż-żwieġ Numru progressiv 888/76;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda minnu ndikati u l-elenku tad-dokumenti eżebiti;

Rat in-nota presentata mill-konvenuta fejn hija iddikjarat li stante li l-attur, żewġha skond il-liġi, talab li l-Qorti tannulla ż-żwieġ li sar bejniethom, u stante li kull ma ddikjara fid-dikjarazzjoni tiegħu huwa kollu minnu....Il-konvenuta ammettiet it-talba tal-attur u tirrileva li kif ammess fiċ-ċitazzjoni, it-tort tal-annullament huwa l-istess attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur ippreżenta din il-kawża biex jitlob li ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta jiġi dikkjarat null skond il-liġi u bbaża din id-domanda fuq żewġ kawżalijiet: waħda l-impotenza ta' l-istess attur, u l-oħra li l-kunsens inkiseb b'qerq dwar kwalità tal-parti l-oħra li fixxklet iż-żwieġ;

Illi mill-atti quddiemha il-Qorti tifhem li l-konjugi A u B iżżewġu fit-2 ta' Mejju 1987, u kollox kien jagħti x'jifhem li kien ser ikun żwieġ normali u feliċi; hu kellu wieħed u għoxrin u hi kellha dsatax-il sena, u wkoll fiż-żmien tal-għerusija kellhom relazzjonijiet anke sesswali intimi, liema relazzjonijiet komplew regolarment sa sew wara ż-żwieġ;

Illi huma xtaqu mill-ewwel li jkollhom it-tfal, u meta raw li dawn ittardjaw ma jibdew, marru għand tabib u wara eżami opportun dan qalilhom li l-attur kellu "*sperm count*" baxx u li bħala konsegwenza ma setax itaqqalha - it-tobba tal-isptar ippreskrivewlu kura li l-attur ipprova isegwi;

Illi l-ewwel punt li jrid jiġi deċiż huwa jekk dawn il-fatti iwasslux għall-annullament fuq bażi ta' impotenza kif talab l-attur u kif jidher li aċċettat anke l-konvenuta; irriżulta li l-partijiet kien ikollhom x'jaqsmu intimament sesswalment għal żmien twil u mid-dehra mill-att fih innifsu it-tnejn kienu sodisfatti u ma kien hemm xejn nieqes; kien biss meta irrejalizzaw li l-konvenuta baqgħet ma setetx toħroġ inċinta li bdew jitħassbu;

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjoni tal-għarfa Assistenta Ġudizzjarja li: "fil-każ odjern ma kien hemm xejn li jxekkel l-att ta' kopulazzjoni, ċjoè l-att sesswali, u għaldaqstant żgur li ma jistax jingħad illi l-attur kien ibagħti minn impotenza. Li kien ibagħti minn sterilità huwa veru però mhux minn impotenza u għaldaqstant dan iż-żwieġ ma jistax jiġi meqjus bħala invalidu taħt l-artikolu 19 (1) (e) tal-Att XXXVII";

Illi t-tieni punt li jrid jiġi kunsidrat huwa jekk jistax jingħad li l-kunsens tal-konvenuta ingħata kif provdut fis-subinċiż 1 (ċ) tal-istess Att; il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni tar-rapport li: "fil-każ in eżami l-frodi jmiss aktar lill-konvenuta illi ma kellhiex intenzjoni vera u proprja kif trid il-liġi għaż-żwieġ u cjoè l-intenzjoni li taqsam il-ħajja tagħha ma' l-attur, imma l-intenzjoni primarja tagħha għaż-żwieġ kien illi jkollha t-tfal;

Illi l-Qorti tħossha konfortata dwar id-determinazzjoni soda u moħbija tal-konvenuta mill-mod kif l-attur jispjega dak li ġara malli wasal mediku: "wara li rċevejna ċ-ċertifikat mingħand it-tabib, il-mara tiegħi kienet qabdet il-ħwejjeġ u telqet 'l barra mid-dar konjugali u dan kienet qabdet u ħarġet 'l barra mid-dar bla kliem u bla sliem, anzi ngħid li jiena kont ix-xogħol u meta mort lura u sibt id-dar vojta u kienet ġà ħadet il-ħwejjeġ tagħha u dan wara tlett snin miżżewġin "; ir-riferenza għaċ-ċertfikat għandha tittieħed għal mument meta xi tabib Ċekoslovak qalilha li: "kien jiddispjaċih, però kien "*hopeless*", ma setax ikolli tfal"; skond il-konvenuta hija għamlet it-"*tests*" tagħha u meta saret taf li żewġha kellu "*sperm count*" baxx aċċettat li, biex ngħidu hekk, tistenna l-esitu tal-kura, però: "meta it-tobba fl-isptar qaluli li kien "*hopeless*", ċjoè li aħna

*ma setax ikollna tfal iddeċidejt li nitlaq lill-attur. Jiena ħassejt* li din kienet l-unika triq li stajt nieħu'';

Illi in vista ta' dan il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali u għal kull buon fini tagħmel tagħha l-istess relazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' d-domandi attriċi fis-sens li tiddikjara ż-żwieġ kontrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Mejju 1976 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu 19 (1) (ċ) tal-Att taż-Żwieġ.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.